**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

18 ta' Lulju, 2021

# NGĦIXU FIL-PREŻENZA T'ALLA

Għalkemm mhux dejjem jirnexxilna, għandna nippruvaw inkunu konxjii li Alla qiegħed qrib tagħna. Inkunu fejn inkunu, Alla huwa preżenti b'mod li aħna ma narawx imma li huwa veru. Alla jinsab kullimkien u għalhekk kull ħaġa, anke jekk tidher bla siwi, kull okkażjoni, anke jekk tidher frivola, kull persuna, anke jekk ma nafhiex, f'dawn ir-realtajiet kollha hemm Alla preżenti.

Aħna naqtgħu qalbna milli ngħixu fil-preżenza t'Alla għax ngħidu, "U Alla se jkun qrib tiegħi, midneb li jien?" Alla huwa qrib tal-midneb ukoll u kif qalilna Ġwanni l-Għammiedi, Ġesù "jneħħi d-dnubiet tad-dinja"!

Qegħdin fiż-żmien sabiħ tas-sajf. Is-sajf huwa opportunità tad-deheb biex inwettqu affarijiet li jqarrbuna lejn xulxin. F'dawn il-jiem għandna iktar ħin niltaqgħu b'mod informali. Dawn huma mumenti mill-isbaħ biex nagħtu l-ferħ ta' Kristu lill-oħrajn. Ġesù jkun preżenti fostna kull darba li niltaqgħu ma' xulxin bħala Nsara.

Għalkemm huwa żmien ta' sħana u żmien li ma nagħmlux ħafna programmi riġidi, ma ninsewx il-laqgħa għażiża mal-Kelma u mal-Ewkaristija fil-quddiesa ta' Jum il-Mulej. Huwa propju fil-quddiesa li Alla jkun preżenti u qrib tagħna.



*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## AVVIŻI:

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 21 ta' Lulju, fil-Knisja Bażilika u tibda fis-6:15pm. Din ser titmexxa minn Mons. Salv Grima. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll fuq *mnarjalive*.

**KOTBA GĦALL-BEJGĦ:** *Dun Martin: Ħajtu u Ħidmietu;* u
*Ħajja u Mewt, il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex fi żmien l-Arċipriet Martin Camilleri 1910-1921*; u
*An Encounter with God*.
Fadal biss ftit. Min irid xi kopja minn dawn jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali jew iċ-Ċentru taż-żgħażagħ. L-awturi ta' dawn il-kotba ħallew il-qligħ kollu għall-Knisja.

**FANNIJIET ĠODDA:** Dan l-aħħar inxtraw erba' fannijiet ġodda għall-knisja biex jinbidlu ma' fannijiet li nħarqu jew li kienu żgħar wisq. Nitolbukom biex tgħinu ħalli l-fannijiet iservu ftit aktar billi malli ttemm il-quddiesa xi ħadd li jkun qrib il-fann idawwar l-iswiċċ għal fuq iz-zero biex il-fann tintefa. Tkunu qed tagħmlu servizz utli. Barra minn hekk, nitolbukom ukoll sabiex meta tieħdu siġġu minn fuq il-piles li jkun hemm fil-knisja, terġgħu tqiegħdu s-siġġu tagħkom fil-post mnejn tkunu ħadtuh. B'hekk il-knisja tinżamm fl-ordni li jixraq u ttaffu mix-xogħol ta' dawk li jkollhom jirranġaw is-siġġijiet li jitħallew mhux f'posthom. Nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni tagħkom.

**Rokna Ekoloġika:** it-teologu Carmody Grey issuġġerixxa li l-ħarsien tal-ambjent jibda jitniżżel bħala opra tal-ħniena.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am;<br>5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am